MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Numru 810/2011

Il-Pulizija
(Spettur Trevor Micallef)

vs

Dymitri Cardosa Leao
Costantini Sergio
Bonafede Ignazio
Abad Godoy Alejandro
Adan Vega Alvaro
Morra Carmine
Messali Nicolo
Rodrigues Leiva Rodrigo

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputati identifikabbli rispettivament bil-karta ta’ karta ta’ identita’ jew passaport numru 6546018, AR4886253, AT0827371, 5329213K,

47295041A, YA0101859, AR9828645, 1535559-4, akkuzati talli f'dan il-Gzejjer fid-9 ta' Gunju 2011 ghal habta ta' l-erba' ta' fil-ghodu fi Triq San Gorg San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. attakaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PS157 Brian Mifsud, PS1187 Omar Zammit u PC1370 Antoine Micallef, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti. (Sec. 96 Kap 9).
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt glieda accidentali saret offiza ta' natura hafifa fuq Carlos Blazquez Bondia liema awtur ta' tali offiza mhux maghruf. (Sec, 237(d) Kap 9).
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qajjmu rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmlu offiza fuq persuni ohra. (Sec 238(b) Kap 9)
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma kienet giet imxewxa minn hadd in partikolari. (Sec 68(2) Kap. 9).
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisru il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied. (Sec. 338(dd) Kap. 9)
6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdwx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixkluhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom billi ma hallewx lil haddiehor jaghmlu dak li b'ligi jkunu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikunu ghamlu skond il-ligi, jew b'xi mod iehor. (Sec. 338(ee) Kap. 9).
7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma dorbu jew issawtu, heddu bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddbuhom jew qabdu armi ohra kontra n-nies. (Sec. 339(1)(b) Kap 9).
8. fl-istess data, lok u cirkostanzi irmew, hallew, jew xorta ohra qattru jew iddepozitaw xi zibel/skart, f'post pubbliku, triq, jew spazzju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku

ghandu access, liema depozitu jew thollija ma kienx awtorizzat. (LS 504.67 reg. 4).

Semghet lill-imputati kollha jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqghu jinsistu anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw:

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Ghalkemm l-imputazzjonijiet huma fin-numru ta' tmienja din il-Qorti ghandha r-riservi taghha dwar li dak li effettivament gara fil-lejl in kwistjoni verament jirrifletti u jikkorrispondi rejalment mal-akkuzi jew almenu uhud minnhom:

Hu x'inhu l-kaz l-imputati, debitament assistiti; ghazlu biex jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni, huma insistew.

Rat l-Artikoli 96, 237(d), 238, 68, 338(dd)(ee), 339, 17 tal-Kap 9 u l-Ligi Sussidjarja 504.67 regolament 4. Stante ammissjoni, volontarja u inkondizjonata tal-imputati kollha, tiddikjarahom hatja.

Tiddeciedi: fuq l-ewwel, it-tieni, t-tielet u r-raba' imputazzjoni, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberahom zmien sena mill-lum; fuq l-hames, is-sitt u s-seba' akkuza tikkundannahom komplessivament u individwalment is-somma ta' €70; fuq l-ahhar akkuza tikkundannahom individwalment is-somma ta' €59.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------